**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 181/2017 MS*

**Aurum Company Limited**

**Vs.**

**Michel Melham Abou Haidar**

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors maħluf imressaq mill-attriċi fis-27 ta' Frar, 2017, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi fix-xahar ta' Mejju[1] 2016, l-attriċi daħlet fi ftehim mal-konvenut fejn dan tal-aħħar, in virtù tal-allegata konoxxenza tiegħu tas-swieq fil-Lvant Nofsani, kellu, f'isimha, jinnegozja l-akkwist u s-sussegwenti trasport u kunsinna ġewwa Malta ta'

[1] Il-kelma "Mejju" ġiet imdaħħla in sostituzzjoni tal-kelma "Settembru", u dan permezz ta' dikriet mogħti fil-25 t'April 2018 (a folio 43).

prodotti għall-konsum ta' trabi; illi in vista ta' dan l-arranġament, l-attriċi avvanzat lill-konvenut u nkorriet diversi spejjeż fis-somma kumplessiva ta' erba' u ħamsin elf ħames mija wieħed u ħamsin Ewro (€54,551.00). Il-flejjes avvanzati lill-konvenut ġew miżappropprjati minn dan tal-aħħar li mhux biss ma onorax il-ftehim iżda qata' kull kuntatt mal-esponenti tal-attriċi, li sal-lum, ma jafux x'sar bi flushom; u illi dan l-aġir illegali tal-konvenut wassal għal danni konsiderevoli fosthom dawk relatati ma' telf ta' bejgħ u konsegwenzjali telf ta' qligħ, u spejjeż oħra; u illi l-premess, fil-mument tal-preżentata tal-kawża odjerna, huwa dettaljat fir-rapport, ossia prospett, imħejji mill-attriċi u mehmuż mar-rikors maħluf bħala Dok. A.; u illi mitlub diversi drabi mill-attriċi biex jersaq għar-radd lura u ħlas tas-somom premessi, l-konvenut baqa' inadempjenti; għaddiet l-istess attriċi sabiex titlob illi din il-Qorti (i) tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-attriċi fis-somma kumplessiva ta' €54,551, liema somma ġiet avvanzata lill-konvenut u nkorsa fi spejjeż mill-attriċi in virtù tal-ftehim bejn il-kontendenti liema ftehim qatt ma ġie onorat mill-konvenut; (ii) tikkundanna konsegwentement, u għar-raġunijiet premessi, lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €54,551; (iii) tiddikjara illi l-aġir illegali tal-konvenut ikkawża danni lill-attriċi konsistenti dawn id-danni f'telf ta' bejgħ u konsegwenzjali telf ta' qligħ, u spejjeż oħra; (iv) tillikwida d-danni skont it-tielet talba, bl-opra, jekk ikun hemm bżonn, ta' perit nominat; (v) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati skont ir-raba' talba; u dan kollu bl-imgħax u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi u bin-numru 201/2017 u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 202/2017;

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut fit-22 ta' Diċembru 2017[2], li permezz tagħha huwa eċċepixxa (i) in-nullità tal-azzjoni a tenur tal-artikolu 789(1)(ċ) u tal-artikolu 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għaliex huwa ġie prekluż milli jiddefendi ruħu minħabba n-nuqqasijiet li huwa jelenka fl-istess risposta[3]; (ii) fil-meritu u bla preġudizzju, huwa ma rċieva ebda flus mingħand l-attriċi f'Settembru 2016; (iii) illi għalhekk it-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż; b'riserva għal eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-eżitu jew kjarifika tal-ewwel eċċezzjoni;

[2] A folio 39.
[3] Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2018 (folio 80).

3. Rat id-dikriet mogħti minnha fit-8 ta' Novembru 2023[4], li bih għal finijiet tal-artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili issollevat *ex officio* l-kwistjoni li l-inkarigu mogħti mill-attriċi lill-konvenut seta' kellu skop illeċitu, u tat provvedimenti ulterjuri sabiex tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tal-partijiet;

4. Rat ix-xiehda miġbura kif ukoll id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi l-fatti rilevanti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

8. Illi l-attriċi hija kumpanija b'responsabbilità limitata li teżerċita negozju fis-settur tal-farmaċewtika u tal-ikel għat-trabi. Topera minn Malta u tbiegħ il-prodotti tagħha fil-pajjiżi li jinsabu fit-tramuntana tal-Afrika. Id-direttur ewlieni tal-attriċi, Antonio Augugliaro, xehed[5] illi f'Marzu 2015, l-attriċi kienet kisbet diversi klijenti riferuti lilha minn Bank of Valletta plc b'talba għal prodotti ta' ikel ta' trabi tad-ditta Nestle. Spjega illi l-attriċi kienet takkwista dawn il-prodotti, sintendi bl-iskop li tbigħhom mill-ġdid, mir-Renju Unit u mill-Polonja, li kienu pajjiżi li kienu konformi mal-ħtiġiet imposti mill-Unjoni Ewropea. Iżda l-attriċi rċeviet avviż minn wieħed mill-provdituri prinċipali tagħha illi b'effett minn Novembru 2015, dan il-provditur ma kienx se jkun f'pożizzjoni li jkompli jipprovdi l-prodott magħruf bħala "Nestle Plus one baby milk with red cap", u dan minħabba li l-korporazzjoni Nestle kienet se tissostitwixxi dan il-prodott b'ieħor li kellu jkun disponibbli għall-bejgħ biss f'pajjiżi fl-Unjoni Ewropea. Billi l-attriċi kellha obbligazzjonijiet ma' klijenti tagħha 'l barra mill-Unjoni Ewropea, hija għamlet diversi tentattivi sabiex tistabbilixxi provvista mingħand il-manifattur tal-istess prodott fid-Dubai. Augugliaro spjega li bejn Novembru 2015 u Marzu 2016 saru bosta

[4] A fol.376.
[5] Bil-mezz tal-affidavit, li jinsab inserit a folio 83.

diskussjonijiet, anki ma' grossisti oħrajn f'Dubai, iżda dawn id-diskussjonijiet ma ħallewx frott billi l-prezz li kien qed jintalab ma kienx jgħodd għall-attriċi.

9. F'April 2016, Oliver Azzopardi, li kien kummerċjant ieħor b'interessi fil-bejgħ ta' bhejjem, laħam proċessat u ikel ta' trabi, u li kien jagħmel negozju bi sħab mal-attriċi, kien issuġġerilha li tkellem lill-konvenut. Saret laqgħa li fiha attendew Augugliaro, il-konvenut, iben il-konvenut Liam u Oliver Azzopardi[6]. F'din il-laqgħa, Augugliaro xehed li l-konvenut sostna li kien jaf lil Dubai sew, u li hu kien jagħmel negozju għal rasu fis-settur tal-bejgħ ta' apparat elettroniku. Din il-laqgħa, dejjem skont Augugliaro, damet għaddejja madwar siegħa u fiha l-konvenut qal li kellu xi kuntatti f'Dubai li setgħu jassistu lill-attriċi sabiex jirnexxielha ssib provvista ġdida tal-prodott li kienet qed tfittex. Il-laqgħa ntemmet bil-ftehim li l-konvenut kellu jkellem lura lil Augugliaro bl-ismijiet ta' xi persuni jew kumpaniji li setgħu jipprovdu l-prodott in kwistjoni. Il-fatt li l-konvenut kien fittex u qal lill-attriċi li sab bejjiegħ potenzjali fid-Dubai huwa kkonfermat mill-konvenut stess fl-affidavit tiegħu[7]. Dan minkejja li, qabel il-konvenut xehed f'din il-kawża u meta ġie nterrogat mill-Pulizija f'Malta, il-konvenut sostna li dan il-bejjiegħ potenzjali kien ġie identifikat minn Augugliaro u minn Azzopardi[8]. Dakinhar stess, filgħaxija, Augugliaro jgħid li rċieva telefonata mingħand Oliver Azzopardi li nfurmah li l-konvenut kien sab lil xi ħadd li kien lest illi jissupplixxi lill-attriċi bil-prezz li kien jgħodd għaliha. Augugliaro għalhekk talab laqgħa oħra, li nżammet 'l għada stess, u li fiha l-konvenut sostna li l-persuna li kien sab hu kellu dan il-prodott maħżun kemm f'maħżen tiegħu u kemm f'maħżen ieħor fl-Olanda. Il-konvenut sostna li ma kienx hemm ħafna żmien biex dan il-prodott jinxtara mill-attriċi, għaliex kien hemm ħafna domanda għalih u kien probabbli li jinbiegħ kollu fi ftit jiem. Għalhekk ġie miftiehem li l-konvenut u Oliver Azzopardi f'isem l-attriċi jmorru Dubai sabiex jivverifikaw u jivvalidaw dan il-provditur, u in segwitu jikkonsolidaw in-negozju. Lejn l-aħħar ta' Mejju 2016, il-konvenut u Azzopardi marru Dubai kif miftiehem, bl-ispejjeż tat-traġitt ikunu sopportati mill-attriċi. Jidher però li l-attriċi m'aċċettatx lill-persuna suġġerita mill-konvenut bħala affidabbli, u għalhekk in-negozju ma sarx u l-konvenut u Azzopardi reġgħu lura Malta fl-1 ta' Ġunju 2016, wara li ma rnexxielhomx isibu xi ħadd ieħor affidabbli biex jipprovdi lill-attriċi bil-prodott

---

[6] Ara x-xiehda tal-konvenut, a folio 193.
[7] Ara folio 193.
[8] Ara l-istqarrija tal-konvenut a folio 157.

imfittex minnha. Il-konvenut però jgħid li n-negozju fid-Dubai kien sab xkiel għaliex il-prodott li riedet l-attriċi ma setax jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea. Kien għalhekk li l-provditur fid-Dubai misjub mill-konvenut kien issuġġerixxa li n-negozju seta' jipproċedi xorta waħda, kemm-il darba l-manifest tal-kontenitur juri prodott ieħor li l-esportazzjoni tiegħu fl-Ewropa tkun permessa. Dan kien aċċettat mill-attriċi[9], iżda n-negozju ma sarx xorta waħda minħabba nuqqas ta' qbil dwar kif kellu jsir il-ħlas, skont il-konvenut[10]. Il-konvenut jgħid ukoll li hu u Azzopardi anki pruvaw jiltaqgħu ma' rappreżentanti tad-ditta Nestle, li però rrifjutaw laqgħa meta saru jafu li l-interess tagħhom kien fl-esportazzjoni ta' prodott partikolari fl-Ewropa. In kontro-eżami, Antonio Augugliaro kkonferma li dan il-prodott in kwistjoni ma ssibux fl-Unjoni Ewropea, anki jekk ma kkonfermax li ma jistax jinbiegħ[11].

10. Augugliaro xehed[12] illi huwa ċanfar lill-konvenut talli m'għamilx xogħlu sew u neffaq flus bla bżonn lill-attriċi, u għamillu premura biex id-darba li jmiss, ikun aktar ċert mill-kuntatt li kien se jipproponi. Augugliaro xehed ukoll illi wiegħed lill-konvenut ħlas ta' €4,000 għal kull kontenitur tal-prodott li jkun mibjugħ. Il-konvenut issuġġerixxa li seta' jsib provditur affidabbli mil-Libanu, li kien pajjiżu stess. Il-konvenut, min-naħa tiegħu, jgħid li ġie mqabbad mill-attriċi sabiex isib persuna oħra mil-Libanu, u li ċ-ċifra ta' €4,000 qatt ma ssemmiet[13].

11. Il-verżjonijiet tal-partijiet ikomplu jitbiegħdu minn xulxin minn dan il-punt 'l quddiem. Augugliaro xehed li ġie mitkellem mill-konvenut li qallu li ħabib tiegħu, ċertu Joseph Antoine Ibrahim minn Zahle, kien infurmah li kien jaf grossista jismu Hassan li kellu l-prodott in kwistjoni. Augugliaro ltaqa' mill-ġdid mal-konvenut, u ntlaħaq qbil li l-konvenut kellu jmur sal-Libanu biex ikellem lil dan il-grossista u jkellem lura lill-attriċi. Augugliaro jgħid li l-konvenut insista li għal din iż-żjara, ried ukoll xi flus biex ikollu x'jonfoq, u mhux biss l-ispejjeż tat-traġitt. Il-konvenut, min-naħa tiegħu, jammetti li sab kuntatt fil-Libanu bl-għajnuna ta' familjari tiegħu, u ċjoè lil ċertu Mohammed li seta' jipprovdi kontenitur bil-prezz ta' $75 kull kaxxa, u bil-possibilità tat-tieni kontenitur in segwitu wara ftit taż-żmien. Il-konvenut jgħid li Mohammed ried jitħallas

[9] Ara folio 202.
[10] Ara folio 194.
[11] Ara folio 331 a tergo.
[12] Ara folio 84.
[13] Ara folio 194.

f'kontanti, u li ma kien se jimmetti ebda dokument u ma kien se jkollu x'jaqsam xejn mat-trasport jew l-esportazzjoni tal-prodott. Il-konvenut xehed li huwa ta din l-informazzjoni lill-attriċi, li m'aċċettatx il-prezz u nkarigatu jinnegozja prezz aktar baxx li ma jkunx jeċċedi $65 kull kaxxa. Il-konvenut kompla jgħid li Augugliaro kien issuġġerilu, meta kien se jkellem lil Mohammed bit-telefon, li l-attriċi riedet relazzjoni kummerċjali fit-tul u kien beħsiebha tordna żewġ kontenituri fix-xahar, u għalhekk kien hemm raġuni tajba biex Mohammed jirranġa fil-prezz. Permezz ta' din it-telefonata, jgħid il-konvenut, Mohammed kien aċċetta l-prezz ta' $65 kull kaxxa, bil-kundizzjoni stretta li l-ħlas isir kollu permezz ta' kontanti u ma jkun hemm ebda dokumenti.

12. Il-konvenut issokta jgħid li l-attriċi riedet li l-konvenut imur fil-Libanu biex jiltaqa' ma' Mohammed qabel ma n-negozju jingħalaq, u sabiex isib mod kif il-prodott jinħareġ mil-Libanu. Min-naħa tiegħu, Augugliaro xehed illi, kemm minħabba li l-konvenut beda jgħid li n-negozju kien prattikament magħluq u kemm minħabba li seta' kien hemm xi diffikultajiet biex l-attriċi tibgħat lill-konvenut flus fil-Libanu, qablet li tgħaddilu s-somma ta' €3,000[14]. Hemm qbil però li l-konvenut telaq lejn il-Libanu.

13. Meta wasal hemmhekk, l-attriċi tgħid li l-konvenut kellu kuntatt sporadiku magħha, minħabba konnessjonijiet problematiċi mal-internet, iżda l-konvenut sostna li ltaqa' ma' Mohammed, li kkonferma d-dettalji tan-negozju, u anki bagħat ritratti tal-prodotti fl-imħażen lill-attriċi[15]. Il-konvenut jgħid li kien inkarigat mill-attriċi sabiex jipprokura ċertifikat tal-prodott mingħand id-ditta Nestle, kif ukoll xi fattura biex ikun jista' jibgħat il-flus lejn il-Libanu.

14. Skont l-attriċi, l-konvenut għarraf lil Augugliaro li n-negozju mal-grossista, li kien jismu Hassan, kien magħluq, iżda Hassan ma kienx se joħroġ fattura għaliex kien anzjan u kien jagħmel in-negozju bil-kelma biss. Il-konvenut qal lil Augugliaro li Hassan kien riluttanti li jirċievi l-ħlas għall-prodott fil-kont bankarju tiegħu, imma ried li jitħallas b'assenji jew f'kontanti. Għalhekk il-konvenut talab li l-attriċi tibgħat il-flus fil-kont ta' Joseph Antoine Ibrahim. L-attriċi dehrilha li dak li kien qed jgħidilha l-konvenut ma kienx jagħmel sens, u talbet ritratti tal-prodotti kif ukoll ċertifikati dwar il-prodotti

[14] Ara folio 49.
[15] Ara folio 195.

għall-bejgħ. Augugliaro enfażizza fix-xiehda tiegħu li, fil-preżenza ta' Oliver Azzopardi, sostna ripetutament mal-konvenut li kien qed iżommu responsabbli għan-negozju. Wara li l-attriċi rċeviet xi ritratti kif ukoll fattura mingħand Joseph Antoine Ibrahim, Augugliaro tkellem ma' Oliver Azzopardi dwar kif se jimxu 'l quddiem fir-rigward tat-trasferiment tal-flus neċessarji għan-negozju. Kien għalhekk li Augugliaro mar il-bank sabiex iwettaq it-trasferiment tal-fondi fil-kont fil-Libanu indikat lilu, iżda l-bank ma ppermettiex li dan it-trasferiment isir, minħabba li l-fattura preżentata minn Ibrahim kienet issejjaħ lil soċjetà filwaqt li l-kont bankarju kien jappartjeni lil persuna fiżika. Dan apparti d-diffikultajiet l-oħrajn naxxenti mill-ġurisdizzjoni tal-Libanu stess, li kienet senjalata mill-banek bħala ġurisdizzjoni mhux sikura għal tranżazzjonijiet bankarji. Augugliaro informa lill-konvenut b'din id-diffikultà, u l-konvenut ġie lura Malta, wara li assikura lil Augugliaro li kien se jirranġa kollox. Mal-wasla tiegħu lura Malta, l-konvenut talab rimbors għal spejjeż oħra li kellu jagħmel meta kien il-Libanu, peress li sostna li kien nefaq il-flus li kienu ngħataw lilu mill-attriċi. Il-konvenut qal ukoll li fuq is-saħħa tal-istima li hu u l-familja tiegħu kien jgawdu fil-lokali ta' Zahle u Chtoura, ġewwa l-Libanu, Hassan kien aċċetta li jirrilaxxa parti mill-merkanzija, li ġiet konsenjata f'maħżen f'Beirut. Kompriżi fl-ispejjeż li l-konvenut qal li għamel kien hemm ukoll l-arranġament sabiex dan il-prodott rilaxxat jiġi maħżun fil-kontenitur sabiex jinġarr lejn Malta.

15. Min-naħa tiegħu, il-konvenut spjega fix-xiehda tiegħu li meta mar ikellem burdnar dwar l-esportazzjoni tal-prodott lejn Malta, dan induna minnufih li kien hemm xi ħaġa mhux postha f'dan in-negozju, minħabba l-fatt li x-xogħol li l-konvenut kien qed ikellmu dwaru kien se jinġarr minn maħżen ta' terz u mhux minn wieħed mill-ħafna mħażen li kellha d-ditta Nestle. Il-burdnar, jgħid il-konvenut, għamilha ċara li la darba l-esportazzjoni kienet tirrigwarda ikel tat-trabi, kien hemm il-ħtieġa ta' dokumentazzjoni, u mingħajr dokumentazzjoni ma kien se jsir xejn. Dan il-burdnar, issokta jixhed il-konvenut, qal li kien jaf lil xi ħadd li seta' jipprokura d-dokumenti meħtieġa, iżda sintendi din ma kinitx se ssir b'xejn. Meta l-konvenut qal b'din id-diffikultà lil Augugliero, dan bagħtu għand xi ħadd li però, meta sema' bil-biċċa, ma riedx ikollu x'jaqsam qabel ma jkun hemm id-dokumenti kif imiss. Ftit jiem wara, xehed il-konvenut[16], kellmu Mohammed biex jgħidlu li kien kellem lil xi ħadd biex

[16] A folio 196.

jipprepara ċ-ċertifikati tad-ditta Nestle u li kien hemm prezz li ried jitħallas. Meta l-konvenut informa b'dan lill-attriċi, din qaltlu li kienet se tibgħat il-flus. Biex il-flus ikunu jistgħu jintbagħtu, l-konvenut kien qed jipprova jipprokura fattura li abbażi tagħha setgħu jintbagħtu l-flus. Huwa hawnhekk, jgħid il-konvenut, li daħal Joseph Ibrahim, li kellu ħanut tal-apparat elettroniku u li offra li joħroġ din il-fattura. Il-konvenut eżebixxa anki ittra elettronika bejn dan Ibrahim u Augugliaro, bi struzzjonijiet minn dan tal-aħħar dwar kif għandha ssir il-fattura[17].

16. Skont l-attriċi, il-konvenut baqa' jgħid li fil-Libanu ħadd ma jagħti rċevuti jew fatturi. Augugliaro dehrlu li dak li kien qed jgħidlu l-konvenut ma kienx ta' min joqgħod fuqu. Il-konvenut però beda jinsisti li l-prodotti kellhom jitħallsu la darba issa kienu fil-maħżen lesti biex jinġarru. Augugliaro talab lil Oliver Azzopardi imur huwa stess sal-Libanu sabiex jivverifika dak li kien qed jintqal lilhom mill-konvenut, peress li Augugliaro stess ma setax imur minħabba l-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' martu u tat-tarbija tat-twelid li kellhom. Oliver Azzopardi u l-konvenut marru l-Libanu fil-bidu ta' Lulju 2016. Oliver Azzopardi kien ikkonferma lil Augugliaro li tassew in-negozju fil-Libanu kien isir bil-kontanti jew bl-assenji biss, kif kien isir Malta xi ħamsin sena qabel. Però minkejja diversi talbiet min-naħa tiegħu, Azzopardi ma rnexxielux jiltaqa' ma' Hassan u lanqas ma ttieħed jara l-maħżen tiegħu. Il-konvenut beda jagħfas lil Augugliaro biex jibgħat il-flus għall-ħlas tal-prodott, iżda Augugliaro kien għadu mhux konvint. F'dan il-punt, il-konvenut beda joffri li jħallas disgħin elf dollaru Amerikan mill-prezz tal-prodott, bl-obbligu fuq l-attriċi li tirrifondih lura mal-wasla tal-prodott f'Malta. Augugliaro wieġeb lill-konvenut li jkollu bżonn jara d-dokumenti li juru li tassew il-konvenut kellu dik is-somma ta' flus u li nefaqha kif kien qed jobbliga ruħu li jagħmel. Auguliaro jgħid li l-konvenut, għalkemm bi ftit eżitazzjoni, aċċetta[18].

17. Il-konvenut, però, xehed illi d-diffikultà f'dan l-istadju ġiet mill-fatt li l-attriċi ma kellhiex il-flus biex tħallas il-prezz. Din l-informazzjoni ingħatat lill-konvenut minn Oliver Azzopardi[19]. L-attriċi riedet li l-konvenut jissuġġerixxi li minflok Mohammed jitħallas f'salt, jitħallas depożitu u l-bilanċ ssussegwentement, iżda din l-offerta ġiet rifjutata minn Mohammed. F'dan il-punt, jgħid il-konvenut, Antonio Augugliaro qal

---

[17] Ara folio 204 u 205.
[18] Ara folio 87 u 88.
[19] Ara folio 198.

lill-konvenut li hu seta' jħallas biss $30,000, u ried ikun jaf jekk il-konvenut kienx jaf lil xi ħadd li seta' joħroġ id-differenza. Il-konvenut kompla x-xiehda tiegħu billi qal li d-diskussjonijiet f'dan il-punt komplew bejnu u bejn Oliver Azzopardi, li spjegalu li jekk in-negozju ma' Mohammed ma jsirx, l-attriċi kienet se titlef kuntratt kbir ħafna. Kien f'dan il-ħin li l-konvenut informa lil Azzopardi li kellu xi flus imfaddlin f'Dubai, u li bl-għajnuna tal-familjari tiegħu, seta' kien kapaċi jgħaqqad id-differenza fil-prezz, u ċjoè $90,000, billi l-prezz miftiehem ma' Mohammed kien ta' $60,000 għal kull kontenitur. Il-konvenut issuġġerixxa li jekk ma jinstabx il-prezz kollu, kellu jkun hemm biżżejjed imqar għal kontenitur wieħed. Il-konvenut issokta jispjega li hu ma kellux kontijiet fil-Libanu, u sabiex fetaħ kont, kellu jinvolvi lil kuġin tiegħu, tant li dan il-kont ġie miftuħ f'isem il-konvenut u f'isem l-istess kuġin. F'dan il-kont, il-konvenut kellu jittrasferixxi l-flus li kellu mfaddlin f'Dubai, kif ukoll il-flus li kellha toħroġ l-attriċi. Sabiex it-trasferiment mill-attriċi jkun jista' jsir, inħarġet il-fattura minn Joseph Ibrahim. Minkejja l-fattura, jgħid il-konvenut, il-Bank m'aċċettax it-trasferiment tal-flus għaliex il-materja tal-fattura ma kinitx relatata man-negozju solitu ta' Ibrahim. Il-konvenut xehed li din il-problema ġiet megħluba billi l-attriċi bagħtet il-flus f'ammonti iżgħar minflok f'ammont sħiħ, u b'dan il-mod ġie konsolidat l-ammont ta' $120,000. Dan l-ammont, jgħid il-konvenut, tħallas lil Mohammed[20]. Miegħu mar Hasan, il-burdnar, li għabba l-kaxxi f'żewġ kontenituri, li ttieħdu u nżammu fil-maħżen ta' Hasan viċin il-port ta' Beirut. F'dan il-punt, dokumenti meħtieġa għall-esportazzjoni kienu għadhom ma jeżistux. Il-konvenut jgħid li mar lura Malta fejn iltaqa' ma' Antonio, spjegalu l-ħlasijiet li kien hemm bżonn isiru biex dawn id-dokumenti jiġu prokurati, u ċjoè s-somma ta' $6,000, liema somma ingħatat lilu mill-attriċi ftit jiem wara. Għalhekk il-konvenut mar lura l-Libanu bil-flus. Hu reġgħa ltaqa' ma' Hasan, għaddilu parti mill-flus bħala depożitu, u tah struzzjonijiet biex jibda jgħabbi l-kontenituri. Hasan beda jgħaddi l-karti, u 'l għada stess informa lill-konvenut li kien hemm problema għaliex xi ħadd kien induna li kien hemm xi karta preżentata minn Hasan li kienet falza. Il-konvenut ġie mistoqsi ħafna domandi mill-awtoritajiet doganali, proprju minħabba l-fatt illi l-esportazzjoni tal-prodotti in kwistjoni ma setgħetx issir kif propost mill-attriċi u mill-konvenut. Il-konvenut xehed ukoll li jidhirlu li Hasan ġie anki arrestat. Kien f'dan l-istadju li Augugliero ried jitla' hu stess lejn il-Libanu. Il-konvenut xehed illi l-merkanzija ma setgħetx tiġi rilaxxata mingħajr ma titħallas multa ta' $9,800 u xi spejjeż

[20] Ara folio 199.

legali. Din il-proċedura ta' rilaxx ħadet madwar xahar. Il-konvenut xehed li kien hemmhekk li l-attriċi ħadet id-deċiżjoni li tbiegħ dawn il-prodotti ġewwa l-Libanu stess sabiex tiġbor li tista'. Intuża garaxx kbir li kien jappartjeni lil kuġin tal-konvenut biex jinħażen il-prodott rilaxxat mill-port. L-attriċi u l-konvenut qablu fuq prezz li għalih kellu jinbiegħ il-prodott, li bih ikkalkolaw li kellhom jiġbru madwar $60,000, u ċjoè nofs il-prezz li ntefaq. Augugliero niżel lura Malta filwaqt li l-konvenut baqa' fil-Libanu biex jieħu ħsieb ibiegħ il-merkanzija, li eventwalment inbiegħet kollha u nġabret is-somma ta' $70,000[21]. Il-konvenut jgħid li niżel lura Malta biex jitkellem ma' Augugliero dwar kif se jinqasam dan ir-rikavat billi kull parti kienet spiċċat bit-telf. Hemmhekk inqala' diżgwid peress li l-attriċi pretendiet li żżomm $60,000, li ma kienx aċċettabbli għall-konvenut. Il-konvenut sostna li hu kien għamel kostituzzjoni ta' debitu favur l-attriċi minħabba l-mandat ta' qbid li kien sar fil-konfront tiegħu mill-attriċi, fejn inqabdet il-vettura ta' ibnu, u bl-iskop li jsir il-kontromandat. Hu jgħid li llum jagħraf li żbalja li ffirma dan il-kuntratt.

18. Skont Antonio Augugliero, il-konvenut, li qal li kien biegħ proprjetà li kellu f'Dubai, mar erbat ijiem Dubai biex jibgħat il-flus li kellu hemm fil-kont tiegħu stess fil-Libanu, filwaqt li Oliver Azzopardi reġgħa lura Malta. Dan sar, u l-konvenut mar lura l-Libanu, fejn bi ftehim mal-attriċi beda jiftiehem mal-aġenti ta' Express Trailers dwar il-ġarr tal-merkanzija akkwistata mill-attriċi, u ċjoè 1,840 kaxxa tal-prodott in kwistjoni. Sadanittant l-attriċi kienet għadha trid tibgħat is-sehem tagħha mill-ħlas tal-prezz tal-prodott. It-trasferiment tal-fondi sar mill-attriċi sal-20 ta' Lulju 2016. Il-konvenut assikura lill-attriċi li fi żmien ġimgħa kien se jkollha l-prodott. Iżda sadanittant, skont Augugliaro, il-konvenut kien għadu qed jirreżisti t-talbiet tal-attriċi li tingħata kopja, mqar b'ritratti, ta' dokumentazzjoni bħal riċevuti u fatturi, billi kien imħabbat u kien hemm diffikultajiet tekniċi bl-internet sabiex dan isir. Augugliaro beda jwissi lill-konvenut li jekk il-prodotti ma kienux se jaslu Malta sat-tieni ġimgħa t'Awwissu, l-attriċi kienet se teħel penali mal-klijenti tagħha u kien se jżomm lill-istess konvenut responsabbli għal dan. Ta' min wieħed jgħid hawnhekk li fil-kontro-eżami, Augugliero xehed li l-prodott kellu jiġi kkonsenjat mil-Libanu għal-Libja, u jekk kellu jieqaf Malta, dan kien biss aċċidentali[22].

---

[21] Ara folio 200.
[22] Ara folio 332.

19. Il-konvenut talab aktar flus mingħand l-attriċi għall-ispejjeż relatati mal-kisba tad-dokumenti neċessarji għall-esportazzjoni tal-prodott. Huwa nforma lill-attriċi li l-kumpanija li kienet se ġġorr il-prodott ma kinitx se tkun Express Trailers, kif riedet l-attriċi, imma kumpanija oħra jisimha National Shipping Company. Din l-aħbar ma kinitx intlaqgħet tajjeb mid-direttur tal-attriċi, li reġgħa wissa lill-konvenut dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas tiegħu li jwassal il-prodotti f'Malta. Għaddew xi jiem u l-attriċi għamlet kuntatt mal-kumpanija National Shipping Company, li però nfurmatha li ma kienet taf b'ebda kontenituri destinati għal Malta, u lanqas ma kienu jafu bil-konvenut. Il-kuntatt mal-konvenut waqaf, u għalhekk Augugliaro u Azzopardi kellmu lil iben il-konvenut, Liam, li kellu jagħmel kuntatt ma' missieru u jitolbu jkellem lil Augugliaro bla dewmien.

20. Sadanittant, l-attriċi kienet qed tirriskontra problemi mal-klijenti tagħha, li kienu qed jistennew il-prodotti li ma kienux waslu. Meta l-konvenut reġgħa għamel kuntatt ma' Augugliaro, qallu li kien spiċċa arrestat għaliex kien ħabat għal wieħed mill-uffiċċjali tad-ditta Nestle, li mbagħad irrapporta lill-konvenut li kellu merkanzija misruqa. Minkejja dan, il-konvenut reġgħa assikura lil Augugliaro li l-problema kienet se tiġi risolta u kien diġà ftiehem mal-pulizija u mal-uffiċċjali tal-port biex il-merkanzija titgħabba u tinġarr lejn Malta, fejn kellha tasal sal-festa ta' Santa Marija. Iżda, għal darb'oħra u minkejja li kien mitlub, il-konvenut ma provda ebda dokument.

21. Il-konvenut wasal lura Malta, u ġie mistoqsi kemm minn Azzopardi u kemm minn Augugliero dwar x'kien għamel u għalfejn ma kellu ebda dokument li juri dak li kien qed jgħid. Il-konvenut beda jsostni li d-dokumenti kienu għandu u kien ħallihom għand persuna fl-uffiċċju tal-aġent tal-ġarr. Meta mistoqsi għaliex ma żammx kopja jew imqar ritratt, Augugliero jgħid li l-konvenut ma weġibx. Il-konvenut iżda baqa' jsostni u jagħti l-kelma tiegħu li l-prodotti kellhom jitwasslu Malta fi żmien għaxart ijiem. Augugliero beda jsostni li l-attriċi ġjà kienet ġarrbet telf finanzjarju, u l-konvenut wieġeb li dak it-telf seta' jitnaqqas mir-rimborż ta' disgħin elf dollaru li l-attriċi kellha tagħmel lill-konvenut mal-wasla tal-prodotti. L-attriċi tat lill-konvenut jumejn żmien biex jipprokura kopja tad-dokumenti, bil-għan li l-attriċi tkun tista' turi lill-klijenti tagħha li tassew il-prodotti minnha mwiegħda kienu kważi waslu Malta.

22. Dawk il-jumejn għaddew però d-dokumenti ma waslux, u l-konvenut sostna li kien għadu qed ifittex li jintbagħtulu mil-Libanu. Ftit jiem oħra wara, il-konvenut għarraf lill-attriċi li l-prodotti ma kienux għadhom telqu mil-Libanu, minħabba investigazzjoni tal-Pulizija, u li kellu bżonn jerġa jitla' sal-Libanu biex jirrisolvi l-affarijiet. L-attriċi din id-darba rrifjutat li tħallas l-ispejjeż, u l-konvenut aċċetta li jmur għas-spejjeż tiegħu stess. Wara li l-konvenut wasal fil-Libanu, informa lill-attriċi li l-pulizija kienu żammew il-kontenituri b'rabta mal-investigazzjoni fuq xi serqa, u li l-uffiċċjal tad-ditta Nestle li miegħu kellu l-kollutazzjoni kien ħallas lil xi uffiċċjal tal-port biex iżomm il-kontenituri hemm. Kien f'dan il-punt li Augugliaro qal lill-konvenut li l-kumpanija National Shipping Company ma kienetx taf bil-kontenituri u lanqas bih, u l-konvenut baqa' jsostni li bil-fors dan kien żball għax hu personalment kien ħa d-dokumenti fl-uffiċini tagħhom. Il-konvenut sostna li kellu ħabib tiegħu li kien uffiċċjal għoli fil-korp diplomatiku li kien se jassistih f'din il-problema, u li l-attriċi kellha tibgħatlu ittra li biha titlob riżarċiment għad-danni mġarrba minnha u l-ammont tal-kumpens pretiż minnha, sabiex dan ir-riżarċiment ikun jista' jitħallas lilha. Augugliero u Azzopardi ddiskutu din il-proposta tal-konvenut, u qablu li din l-ittra tintbagħtlu. Kopja tal-ittra intbgħatet bil-posta elettronika lill-konvenut 'l għada, u l-konvenut sostna li din intbagħtet lill-uffiċċjal tal-pulizija li kien qed jinvestiga l-każ. Wara ftit jiem, il-konvenut informa lill-attriċi li l-Qorti fil-Libanu kienet irrilaxxat il-prodotti u li wieħed mill-ħatja kien se jħallas tnax-il elf dollaru Amerikan lill-attriċi bħal riżarċiment. Il-ħatja l-oħra kienu ġew inkarċerati għaliex ma ħallsux is-somma ta' kumpens imposta fuqhom. Is-somma ta' tnax-il elf dollaru Amerikan kienet se titħallas lill-konvenut peress li l-proċeduri kienu qed isiru minnu bħala rappreżentant tal-attriċi. Din l-istorja però ma ntwemmnitx minn Augugliero u Azzopardi.

23. Il-konvenut reġgħa ta l-assikurazzjonijiet tiegħu lill-attriċi li l-prodotti kienu se jinġarru lejn Malta, u minkejja l-insistenza tal-attriċi li għall-ġarr jintużaw is-servizzi ta' Express Trailers, il-konvenut sostna li dan ma kienx possibbli. Baqa' jsostni li d-dokumenti relattivi għall-ġarr kienu se jintbagħtu lill-attriċi. Il-konvenut reġgħa lura Malta, u ssejjaħ għal-laqgħa fl-uffiċini tal-attriċi. Hemmhekk ġie mistoqsi fuq dak li għamel jew m'għamilx kemm minn Augugliero u kemm minn Azzopardi, u għal dawn il-mistoqsijiet hu ftit ta tweġibiet. Kien f'din il-laqgħa, jgħid Augugliero, li l-konvenut żvela li kien ħa self bankarju fl-ammont ta' għaxart elef dollaru Amerikan sabiex ma jintilfux il-prodotti. Mistoqsi però għaliex kien meħtieġ dan is-self meta l-prodotti kienu

mħallsin, hu wieġeb li kien meħtieġ għaliex kien hemm dewmien fit-trażmissjoni tal-flus. Mitlub dokumenti li jsostnu dak li kien qed jgħid, ma kellux x'jipprovdi lill-attriċi.

24. Auguglièro qatagħha li jmur hu stess il-Libanu mal-konvenut biex jara dak li kien qed jgħid il-konvenut kienx minnu. Auguglièro xehed li fl-erbgħa u għoxrin jum li dam fil-Libanu, huwa ma rax il-prodotti li suppost kien xtara. Mhux hekk biss, imma meta żar l-uffiċini tan-National Shipping Company, irriżulta li din il-kumpannija ma kienet taf b'xejn dwar ix-xogħol tal-attriċi, u li l-persuni kollha msemmija mill-konvenut ma kienux jaħdmu hemm. Anki s-sit elettroniku stampat fuq karta murija minn Auguglièro kien falz. Auguglièro sar jaf ukoll li din il-kumpannija kienet ilha seba' snin li waqfet taħdem fil-ġarr tal-merkanzija. Dwar l-ammont riżarċitorju li kellu jinħareġ mill-Qorti fil-Libanu, Auguglièro ma rnexxielux isir jaf wisq għalkemm irriżultalu li tassew kien hemm xi *cheque* x'jiġi rtirat. Madanakollu ma rnexxielux isir jaf iktar minħabba li hu frustier u b'hekk ma ngħatax aċċess għat-tagħrif kollu.

25. Sakemm dam fil-Libanu mal-konvenut, Auguglièro ftiehem miegħu li jikri garaxx jew maħżen żgħir fejn kellhom jinżammu l-prodotti li kienu fil-port. Minflok jinġarru lejn Malta, dawn il-prodotti kellhom jinbiegħu lokalment, bir-rikavat minn dan il-bejgħ jinżamm fil-kont tal-konvenut li kellu jibgħat kollox fil-kont tal-attriċi f'Malta. Auguglièro xehed li sakemm hu wasal biex jiġi lura Malta, tliet kwarti mill-prodotti kienu sabu xerrej. Auguglièro u l-konvenut marru lura Malta, infurmaw lil Azzopardi b'dak li kien seħħ, u ftehmu li l-konvenut kellu jmur lura fil-Libanu, għas-spejjeż tiegħu, sabiex iwettaq il-bejgħ tal-prodotti u jiġbor il-flus dovuti lill-attriċi. Auguglièro ikkalkola li, bil-proventi tal-bejgħ tal-prodott u bil-ġbir tal-ħlas riżarċitorju immess mill-Qorti tal-Libanu, l-attriċi kellha ddaħħal madwar mija u tmienja u sittin elf dollaru Amerikan[23]. Il-konvenut hekk għamel, u informa lill-attriċi li l-prodotti kienu rilaxxati mill-port u b'hekk setgħu jiġu distribwiti lix-xerrejja lokali fil-Libanu stess, kif ukoll li kien iddepożita l-ħlas immess mill-Qorti kif fuq spjegat. Iżda ftit jiem wara, il-konvenut beda jsostni li kien hemm problema biex jittrasferixxi l-flus mill-kont tiegħu fil-Libanu lill-attriċi, u wara ftit, il-komunikazzjoni mill-konvenut waqfet għal kollox.

[23] Ara folio 95.

26. Kien biss meta l-attriċi ħadet azzjoni legali permezz ta' mandati ta' qbid u sekwestru illi l-konvenut reġgħa għamel kuntatt ma' Augugliero. Il-konvenut sostna li l-flus kienu għandu u kien lest iroddhom lill-attriċi. Fuq parir tal-avukati tagħha, l-attriċi insistiet li l-konvenut jiffirma kuntratt notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu, u l-konvenut aċċetta. Kien hemm ftehim li l-konvenut iħallas dak dovut lill-attriċi fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien għadda wkoll. Ftit wara, l-konvenut talab laqgħa ma' Augugliero, għalbiex iġib miegħu negozjant Lebaniż li kellu jgħaddi dawn il-flus lill-attriċi. Din il-laqgħa saret fil-presenza tal-avukat tal-attriċi, iżda n-negozjant in kwistjoni ma tfaċċax. Skont Augugliero, f'din il-laqgħa l-konvenut ammetta li wettaq misapproprjazzjoni tal-flus tal-attriċi.

27. Fuq kwerela li saret mill-attriċi bid-data tal-10 t'Awwissu 2017[24], il-każ ġie nvestigat mill-uffiċċjali tal-Pulizija, li bagħtu għall-konvenut u nterrogawh. Il-konvenut irrilaxxa stqarrija[25], u sussegwentement kien ġie mixli fil-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali bir-reati ta' truffa, misapproprjazzjoni u falsifikazzjoni, fost addebiti oħra[26]. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Marzu 2022, il-konvenut instab ħati ta' wħud mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u ġie kkundannat għall-piena ta' sentejn priġunerija, sospiżi għall-perijodu ta' erba' snin.

28. Effettivament mill-provi jirriżulta illi intbagħtu mill-attriċi permezz tas-servizzi tas-soċjetà Western Union Business Solutions (Malta) Ltd, s-somma ta' €7,352.94[27] jew $8,000, is-somma ta' €7,390.98[28] jew $8,000, kif ukoll is-somma ta' $3,000[29]. Dawn huma, sa ċertu punt, konfermati anki mix-xiehda tal-konvenut[30], li in kontro-eżami kkonferma li anki rċieva l-ammont ulterjuri ta' ħamest elef, għalkemm mhux ċar għal liema valuta kien qed jirreferi[31]. Irriżulta wkoll li l-attriċi nefqet s-somma kumplessiva ta' €3,444 in konnessjoni mas-safar tal-konvenut u ta' Oliver Azzopardi permezz tas-servizzi tas-soċjetà Tristar Travel[32].

[24] A folio 157.
[25] Eżebita a folio 156.
[26] A folio 162 u 163.
[27] Ara folio 127 u 128, bl-awtentiċità kkonfermata minn Kevin Camilleri, a folio 139 u 140.
[28] Ara folio 129 u 130, bl-awtentiċità kkonfermata minn Kevin Camilleri, a folio 139 u 140.
[29] Ara folio 132, bl-awtentiċità kkonfermata minn Kevin Camilleri, a folio 139 u 140.
[30] Ara folio 199.
[31] Ara folio 347.
[32] Ara d-dokumenti eżebiti minn folio 117 sa 126, u kkonfermati minn Marc Anastasi, a folio 140.

Ikkunsidrat:

29. Illi esposti l-verżjonijiet rispettivi tal-kontendenti, jmiss issa li din il-Qorti tevalwa l-provi prodotti f'din il-kawża fid-dawl tat-talbiet dedotti mill-attriċi u tal-eċċezzjonijiet sollevati.

30. Illi bl-azzjoni tagħha, l-attriċi qed titlob li l-konvenut jiġi kkundannat jirrifondi lilha s-somma ta' €54,551 li ġiet avvanzata lilu u nkorsa fi spejjeż minnha skont ftehim li ma ġiex onorat mill-konvenut, u qed titlob ukoll id-danni li hija ġarrbet minħabba dan "l-aġir illegali" tal-konvenut. Fil-premessi tar-rikors maħluf tagħha, l-attriċi tgħid li l-ftehim bejnha u bejn il-konvenut kien li l-istess konvenut jinnegozja f'isimha l-akkwist tal-prodott *de quo agitur*.

31. Illi mill-premessi u mit-talbiet li abbażi tagħha ġiet dedotta l-azzjoni attriċi, huwa evidenti li skont l-attriċi l-ftehim li kien jeżisti bejnha u bejn il-konvenut kien wieħed ta' mandat kummerċjali, u ċjoè ftehim li abbażi tiegħu il-konvenut kellu jaġixxi f'isem l-attriċi bis-saħħa ta' mandat li ġie lilu konferit għal skopijiet kummerċjali. ***Pothier*** ifisser hekk l-istitut tal-mandat:

> Il Contratto di Mandato è un contratto per cui uno de' contraenti affida la cura d'uno o più affari, per amministrarli in suo luogo, in suo nome ed a suo rischio, all'altro contraente che ne assume gratuitamente l'incarico, e si obbliga a rendergliene conto.
>
> …
>
> È dell'essenza del contratto di mandato: 1.º che siavi un affare che formi la materia di questo contratto; 2.º che il mandante e il mandatario abbiano la volontà di obbligarsi l'un l'altro, cioè il mandatario a render conto dell'affare al mandante, e il mandante ad indennizzare all'uopo il mandatario. 3.º che il mandato sia gratuito.[33]

32. Huwa wkoll spjegat illi:

[33] Trattato del Contratto di Mandato, §1, §5.

> Come si è di già rilevato, il mandato è un vero contratto consensuale: tale è riconosciuto dal nostro legislatore. Esso è poi imperfettamente bilaterale o sinallagmatico, in quanto che, se i diritti del mandante derivano normalmente dal contratto, non cosi quelli del mandatario: essi sorgono ex post facto, e rispondono, oltre che all'intima essenza del mandato, ad altri principi di equità, in ispecie a quello che vieta l'indebito arricchimento. Sovente però il mandato assume l'aspetto di un contratto bilaterale perfetto, se da parte del mandante viene stabilita, a favore del mandatario, una retribuzione, che ingenera reciprocità di diritti ed obblighi tra i contraenti, acquistando il mandatario diritto di richiedere la rimunerazione dal mandante, e questi essendo obbligato contrattualmente a corrisponderla. Il mandato, infine, non è un contratto formale, non essendo per la sua validità richieste forme speciali ad solemnitatem.[34]
>
> …
>
> … l'elemento invece essenziale nel mandato, che non ritrovasi nella locazione d'opera, è la rappresentanza della persona mandante per trattazione di affari. È la persona giuridica che il mandatario rappresenta, in modo più o meno limitato, per compiere un negozio in nome e conto del mandante. Il mandante trasferisce nel mandatario, secondo maggiori e minori limitazioni, la capacità sua di obbligarsi e di obbligare terzi. L'elemento, quindi, sostanziale nel mandato è la rappresentanza del mandante.[35]

33. Minkejja l-fatt li bejn il-verżjoni tal-fatti tal-kontendenti hemm differenzi notevoli, ma jirriżultax li effettivament il-konvenut jiċħad jew jikkontesta li huwa kien imqabbad mill-attriċi bħala mandatarju tagħha, u għalhekk dan l-aspett tal-vertenza ta' bejn il-kontendenti għandu jirriżulta li huwa paċifiku.

34. Illi effettivament il-provi prodotti mill-kontendenti f'din il-kawża huma skarni, u sostantivament jikkonsistu biss mix-xiehda bil-mezz tal-affidavit ta' Antonio Augugliaro, direttur uniku tal-attriċi, u l-konvenut, kif ukoll tal-kontro-eżami rispettiv tagħhom. Ix-xiehda bl-affidavit ta' Oliver Azzopardi ġiet sfilzata, u l-konvenut għażel li ma jipproduċihx bħala xhud tiegħu. Hekk ukoll, għalkemm jidher li l-istess Oliver Azzopardi xehed mill-inqas darbtejn fil-proċeduri kriminali li nbdew kontra l-

[34] Digesto Italiano, vuċi "Mandato Civile", §60.
[35] Digesto Italiano, loc cit, §79.

konvenut[36], it-traskrizzjoni ta' dik ix-xiehda ma ġietx eżebita quddiem din il-Qorti. Bil-kemm hemm għalfejn jingħad li, fid-dawl tal-mod kif żvolġa n-negozju bejn il-partijiet, ix-xiehda ta' Oliver Azzopardi, li jidher li kien intimament konness mal-istess negozju, kien ikollha ċertu piż. Madanakollu, fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2024[37], id-difensuri tal-partijiet qablu li din il-Qorti tista' tieħu għarfien ġudizzjarju tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, u minn din is-sentenza jirriżultaw partijiet mid-depożizzjonijiet mogħtija mill-istess Oliver Azzopardi.

35. Illi l-prinċipji li jirregolaw l-apprezzament tal-provi fi proċedimenti ċivili ġew sewwa miġbura fid-deċiżjoni ***Nazzareno sive Leslie Cardona vs. Massimo Żahra et*** (Appell Superjuri, 16/12/2019) kif ġej:

> Illi b'żieda ma' dan, f'każ fejn Qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, ingħad li huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova.

36. Meqjusa allura l-provi li ġew prodotti b'mod utili, skarni kemm huma skarni, huwa evidenti għal din il-Qorti li tqum kwistjoni ta' ċertu mportanza marbuta mal-allegazzjonijiet magħmula mill-konvenut li huwa kien mar fid-Dubai u sussegwentement fil-Libanu fuq struzzjonijiet tal-attriċi sabiex jipprokura l-esportazzjoni ta' prodott partikolari li ma setax jiġi regolarment esportat kif xtaqet l-attriċi. Apparti x-xiehda tal-konvenut, li ma kienx dejjem koerenti fix-xiehda tiegħu,

[36] Ara folio 325.
[37] Ara folio 383.

teżisti però ittra elettronika mibgħuta minn Antonio Augugliero, a folio 202 tal-atti proċesswali u li huwa għaraf waqt il-kontro-eżami tiegħu, a tergo ta' folio 332. Din l-ittra elettronika ġiet mibgħuta mid-direttur tal-attriċi, u turi l-qbil tiegħu mal-pjan propost lilu li jintbagħtlu l-prodott mitlub minnu, għad illi fuq il-fattura jiġi ndikat prodott differenti, u dan "… *due to bank reasons and Nestle Corporation Dubai*". Din l-ittra elettronika tidher li tikkorrabora l-verżjoni tal-konvenut dwar in-natura u l-iskop tal-mandat mogħti lilu mill-attriċi, u ċjoè dak li jipprokura l-akkwist ta' merkanzija b'modi li m'humiex regolari u li huma anki illeċiti. Dejjem fir-rigward ta' dan l-aspett, il-verżjoni tal-konvenut hija wkoll suffragata minn parti mix-xiehda mogħtija bl-affidavit ta' Antonio Augugliero, sa fejn dan jixhed illi min kien qed jipprovdih bil-prodott in kwistjoni fl-Ewropa stess ma setax ikompli bil-provvista minn Novembru 2015 "*Reason being Nestle Corporation had rebranded the product with a new one for sale only in EU countries*". Din l-istqarrija minn Augugliero, anki jekk ma tikkonfermax direttament dak li qed jgħid il-konvenut, tikkonferma però li kien hemm diffikultajiet territorjali dwar l-importazzjoni tal-prodott in kwistjoni. Diffikultajiet li ġew ukoll ikkonfermati fix-xiehda mogħtija mill-Ispettur Doriette Cuschieri[38]. Hemm ukoll konferma ta' dan mix-xiehda mogħtija minn Oliver Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fil-fatt dik il-qorti osservat li «*Qal* [Azzopardi] *li kien jaf ukoll li dan il-prodott ma kienx ser jinxtara mingħand il-fabbrika tan-Nestle iżda mingħand persuna li tissupplixxi l-prodott għas-suq lokali fil-Lebanon u li kien qed jinxtara minn fuq l-idejn*».

37. Tassew li weħidhom dawn l-istqarrijiet forsi mhux biżżejjed biex inisslu f'din il-Qorti l-konvinċiment neċessarju li l-iskop tal-mandat mogħti lill-konvenut kien illeċitu, iżda meħuda flimkien mal-ittra elettronika fuq imsemmija, dak il-konvinċiment jirriżulta, billi l-kontenut tal-istess ittra elettronika juri l-kompliċità tal-attriċi mal-iskemi lleċiti li l-konvenut kien beħsiebu jadopera sabiex jipprokura l-prodott in kwistjoni.

38. Il-Qorti tqis ukoll illi l-verżjoni sħiħa mogħtija mill-istess Antonio Augugliaro fl-affidavit tiegħu, li kif suespost trid tinduċi lil min jaqrah jifhem li l-attriċi, minkejja d-dubji kontinwi li kellha fl-operat tal-konvenut, baqgħet tagħtih il-benefiċċju tad-dubju sal-aħħar, inkluż li tafdah li jbiegħ il-prodott tagħha u jiġbor il-flus tagħha fis-suq tal-

[38] Ara folio 385.

Libanu anki wara li "skopriet" li l-konvenut kien taha informazzjoni falza dwar id-ditta National Shipping Company, hija verżjoni li hija priva mill-karattru ta' verosimilitudni u konsegwentement għandha mill-inkredibbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hija aktar verosimili l-verżjoni tal-konvenut, u ċjoè li tassew kien hemm diffikultajiet fl-eżekuzzjoni tal-mandat tiegħu, però dawn id-diffikultajiet kienu naxxenti minn natura illeċita tal-inkarigu mogħti lilu, u kien għalhekk li l-attriċi baqgħet tafda lill-konvenut bis-soluzzjoni tal-istess problemi.

39. Illi l-illeċità tal-*causa* ta' kwalsiasi obbligazzjoni hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u kwindi sollevabbli *ex officio* (ara ad eżempju ***Doris Mizzi vs. Edward Galea***, Prim'Awla, 19/2/1959[39]; kif ukoll ***Charles Pace et noe vs. Philip Agius et pro et noe***, Appell Superjuri, 15/11/1957)[40]. Din il-Qorti ħasset li kien doveruż għaliha li tissolleva din il-kwistjoni li hija waħda, kif appena premess, t'ordni pubbliku, u dan kemm għaliex hekk irid l-artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kemm għaliex huwa sewwa li l-kontendenti ma jiġux sorpriżi fis-sentenza bi kwistjoni li ma kellhomx l-opportunità jgħidu tagħhom dwarha.

40. Illi l-artikolu 1857(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li, «*Il-mandat għandu jkollu bħala skop tiegħu ħaġa leċita li min jagħti l-mandat seta' jagħmel huwa nnifsu*». Din id-dispożizzjoni hija applikabbli anki għal mandati kummerċjali bl-applikazzjoni tal-artikolu 49 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dwar l-effetti ta' din id-dispożizzjoni, il-ġurisprudenza hija ċara ħafna. Fid-deċiżjoni ***Negte Giuseppe P. Sammut vs. Il Capitan Giuseppe Cremona*** (Kummerċ, 17/1/1865)[41], il-Qorti qieset: «*Se ciò infatti* [ċjoè l-gwadann illeċitu]*, fosse stato l'effetto d'un mandato espresso, o presunto del citante, il mandato non gli darebbe alcuna azione – se di contrario fosse stato l'effetto di un particolare operato del citato, nessuna azione dal fatto illecito commesso in pregiudizio del terzo deriverebbe a favore del citante*». Hekk ukoll, ġie deċiż li l-mandatarju huwa leġittimat li jiddipartixxi mill-ordnijiet tal-mandant tiegħu jekk dawn l-ordnijiet ikunu jwassluh biex iwettaq att illeċitu jew immorali (viz. ***Neg. Eduardo Ollive vs. O. Lachesnez Heude nomine ed altri***, Kummerċ, 12/6/1883)[42].

[39] Kollezz. Vol.XLIII.II.646.
[40] Kollezz. Vol.XLI.I.684.
[41] Kollezz. Vol.III.232.
[42] Kollezz. Vol.X.161.

41. Fid-deċiżjoni ***Rev. Saċ. Don Vincenzo Borg vs. Giuseppe Caruana et*** (Prim'Awla, 5/10/1950)[43], ġie osservat:

> Illi l-konvenut jissottometti li l-oġġett tal-mandat fil-kwistjoni huwa illeċitu, u għalhekk il-konvenzjoni bejnu u l-attur, bħala bażata fuq kawża illeċita, hija nulla u bla effett. L-artikolu 1959(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23) jiddisponi li l-mandat għandu jkollu bħala skop tiegħu ħaġa leċita li min jagħti l-mandat seta' jagħmel huwa nnifsu. Din hija l-applikazzjoni tal-prinċipji dottrinali. "Il mandato bisogna che non sia contrario nè alle leggi, nè alla morale. Sebbene non fosse considerato tale in sè stesso, basterebbe, perchè divenisse illecito, che lo fosse nelle circostanze particolari del mandato" (Pothier, Mandato, para. 231). "L'oggetto del mandato deve essere lecito. Quando il fatto è illecito, la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione; è una obbligazione fondata su causa illecita, poichè la causa si confonde con l'oggetto del contratti; e quando la causa è illecita, l'obbligazione è inesistente e non può avere alcun effetto" (Laurent, Vol. XXVII, para. 402)…
>
> Illi huwa evidenti li l-iskop preċipwu ta' l-attur, meta huwa kkonsenja l-flus lill-konvenut biex dan jgħaddihom lil dak ir-raġel, kien dak li jevadi l-liġijiet fiskali. Ġie ppruvat li wieħed raġel min-Naxxar avviċina lil Baldacchino u qallu li l-uffiċċjali doganali kienu sejrin jipperkwiżizzjonaw lill-attur meta jinżel minn fuq il-vapur "Laurana". Baldacchino rriferixxa kollox lill-attur, u dan immedjatament avviċina lill-konvenut biex dan jagħmel dak "li huwa nnifsu ma setax jagħmel", jiġifieri biex iniżżillu l-flus l-art hu, u hekk jevadi l-liġi u jeħles flusu mill-konfiska, apparti xi piena oħra. Dina kienet ħaġa illeċita; u anki l-konvenut raha hekk, tant li huwa dak l-inkariku ma riedx jeżegwih, u kien għalhekk li huwa ssuġġerixxa lill-attur li jikkonsenja dawk il-flus biex iniżżilhomlu l-art, lil dak ir-raġel. L-oġġett tal-mandat kien għalhekk illeċitu, għaliex kontra l-liġi… Troplong jenumera diversi każi ta' illiċejità ta' mandat minħabba f'hekk, u jgħid :- "Lo stesso sarebbe a dirsi del mandato per fare il contrabbando" (Del Mandato, para. 30).

42. Similment, il-provi kif apprezzati u evalwati minn din il-Qorti jindikaw li l-konvenut kien inkarigat mill-attriċi biex jagħmel dak li hi stess ma setgħetx tagħmel, u ċjoè tesporta prodott partikolari minn pajjiżi esteri meta dik l-esportazzjoni kienet vjetata,

[43] Kollezz. Vol.XXXIV.ii.632.

tant li sabiex tali esportazzjoni setgħet issir, kienu neċessarji sotterfuġi li jinkludu l-użu ta' dokumenti, bħal fatturi, b'kontenut falz.

43. Tqum forsi l-kwistjoni li jkun inġust li l-konvenut jinġieb mhux passibbli għall-konsegwenzi ċivili ta' dawk li jistgħu ikunu nuqqasijiet jew inadempjenzi min-naħa tiegħu, u li l-attriċi tiġi mġiegħla tbati weħidha l-konsegwenzi kollha tan-negozju llecitu li hija wettqet mal-konvenut. Madanakollu huwa stabbilit illi: «*Għalhekk kwalunkwe ħaġa li tkun projbita mill-liġi bħala oġġett, jew li tkun projbita mil-liġi bħala kawża ta' dak il-kuntratt, per mezz ta' bejgħ u xiri, ma tkunx tista' taqa' f'kuntrattazzjoni; u jekk tifforma l-oġġett u l-kawża tal-kuntratt, dak il-kuntratt ikun invalidu, għax ikun nieqes minn wieħed mir-rekwiżiti tiegħu u ma jkunx jista' jkollu effett. Imbagħad l-art. 697 ta' l-istess Liġi*[44] *jgħid ukoll illi jekk il-kawża tkun illeċita għaż-żewġ partijiet, ħadd minnhom ma jkun jista' jirrepeti dak li ta lil ħaddieħor, u dan in forza tal-prinċipju ġuridiku li kien aċċettat fid-Dritt Ruma illi "nemo in foro auditur turpitudinem suam allegans"; u ċertament tkun turpitudni meta wieħed ikun għamel ħaġa projbita mill-liġi fl-interess publiku, anzi li l-liġi televa l-eżekuzzjoni ta' dik il-ħaġa għal reat b'sanzjoni punitiva*»[45]. Ir-raġuni allura għaliex l-ebda rimedju ma jista' jingħata lill-attriċi hija radikata fuq il-preservazzjoni tal-ordni pubbliku, billi la darba persuna ppartecipat fi ftehim – jekk mhux addirittura ħolqitu hi – li kien imniġġes bl-illeċitu, mela allura ebda protezzjoni ma tista' tinvoka mil-liġi li hija kienet bil-ħsieb li tkasbar.

44. Dawn il-prinċipji huma assodati fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Fid-deċiżjoni riċenti ***Joseph Scicluna et vs. Gianfranco Ronsisvalle et*** (Appell Superjuri, 11/4/2024) ġie ribadit:

> 26. Il-konsegwenza ta' obbligazzjoni li tkun magħmula fuq kawża illeċita hija li dik l-obbligazzjoni ma jkollha l-ebda effett (ara l-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili u ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech et noe v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et*** deċiża fil-15 ta' Novembru, 2023). Dwar dan ġie mtenni li fejn ħaġa tkun ipprojbita mil-liġi bħala oġġett, il-kuntratt relattiv ikun invalidu għax ikun nieqes minn wieħed mir-rekwiżiti tiegħu, u ma jkunx jista' jkollu effett (ara ***Angelo Spiteri et pro et noe v. Andrew Cilia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu, 2016 u ***Albert Mizzi***

[44] Illum l-artikolu 991 tal-Kodiċi Ċivili.
[45] ***Giovanni Scicluna vs. Filippo Abela***, Appell Superjuri, 14/5/1945 – Kollezz.XXXIII.I.574.

> ***v. Silvio Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-11 ta' Jannar, 2006).
>
> 27. Kif tajjeb ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***George Seychell v. Spring Valley Co. Limited*** deċiża fit-2 ta' Frar, 2018, min jidħol f'negozju bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi m'għandux ikollu s-serħan talmoħħ li, jekk in-negozju jmur ħażin, ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandu jservi ta' deterrent għal min jiġih il-ħsieb li jagħmel negozju bi ksur tal-liġi u ma għandhiex tkun il-Qorti stess li tneħħi dan id-deterrent għal min ikun irid iqarraq biha.

45. Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tal-attriċi sostna li l-illeċitu ma jirriżultax, tant illi la l-Pulizija u lanqas il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ma pprovedew li jittieħdu passi fil-konfront tad-diriġenti tagħha minħabba xi ksur ta' liġi. Madanakollu l-Qorti tqis illi l-fatt li ebda passi ma ttieħdu kontra l-attriċi u d-diriġenti tagħha mhux ċirkostanzi li jxejnu l-elementi ta' prova li diġà saret riferenza għalihom aktar qabel. Barra minn hekk, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali kontra l-konvenut, ġie wkoll osservat hekk:

> Jekk il-prodott setax jintbagħat lejn Malta għall-fini biss ta' transhipment, m'hijiex daqstant relevanti għaliex dak li jinsab fil-qofol tal-istħarriġ tal-Qorti huwa tabilħaqq l-eżistenza o meno tan-negozju li l-imputat qal li għamel ġewwa l-Lebanon u d-determinazzjoni ta' jekk dak kollu li l-imputat iddikjara u wera lil Antonio Auguliaro u Oliver Azzopardi kienx kollu falz jew inezistenti, intiż biex iġiegħelhom jemmnu li kien seħħ in-negozju li għalih għaddewlu l-flus. Okkorrendo mbagħad, il-Qorti trid imbagħad tgħaddi biex tanalizza jekk ġewx ippruvati l-elementi tar-reat ta' frodi jew misapproprjazzjoni.

46. Dikjaratament allura dik il-Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni dwar jekk il-ftehim bejn il-konvenut u l-attriċi kellux skop illeċitu, u llimitat ruħha biss għall-kwistjoni li kellha quddiemha, u ċjoè r-reità tal-konvenut. Il-fatt li, fl-iżvolġiment ta' negozju bi skop illeċitu, persuna tiffroda persuna oħra m'hijiex raġuni li teżenta lill-frodist mir-responsabbilità penali. Però l-iskop illeċitu għandu effetti ċivili distinti u inevitabbli, li diġà ġew imsemmija aktar kmieni f'din is-sentenza, kemm-il darba dak l-iskop jirriżulta mill-provi li jkunu ġew prodotti quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili. U la darba dawk il-provi jeżistu, ma jistgħux jiġu injorati.

47. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut billi ġiet irtirata, tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi billi l-ftehim li sar bejnha u bejn il-konvenut kellu skop illeċitu.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dan li d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attriċi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur